MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Numru. 653/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**Vs**

**Paul Spagnol, ta' 45 sena, iben il-mejjet Paul u Doris nee' Bezzina, imwieled il-Pieta' fit-28 ta' Mejju 1967, detentur tal-karta ta'l-identita' Maltija bin-numru 224267(M) u residenti fil-fond Block 8, Flat 32, Triq tal-Ballut, San Gwann**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Spagnol akkuzat talli:

1. fl-10 ta' Mejju 2008, ghall-habta ta' tmienja ta' fil-ghaxija, fil-Gharghur, ikkometta serq mill-fond numru 58 sitwat fi Triq il-Gnien ghad-dannu ta' Nazzareno Sammut

u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330), bil-hin u bil-lok;

2. u talli fl-10 ta' Mejju 2008 u fil-jiem ta'wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhhom jew imexxiehom, liema hwejjeg gew minn serq aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330), bil-hin u bil-lok;

3. u aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-28 ta' Lulju 2008 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum ta'l-10 ta' Mejju 2008 sehhet serqa minn gewwa il-fond 58, Triq il-Gnien, il-Gharghur, proprjeta ta' Nazzareno Sammut. Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija gie stabbilit illi l-malvivent jew malviventi kisbu access ghall-fond billi qalghu ic-cilindru tal-*lock* permezz ta' xi *gripper* u hekk kif inqala' ic-cilindru dana gie imdawwar b'turnavit u b'hekk infetah il-bieb. Dina is-serqa sehhet bejn it-tmienja neqsin kwart ta' fil-ghaxija u it-tmienja u nofs meta Sammut hareg ghal ftit hin sabiex jisma' il-quddiesa. Illi f'dina is-serqa insterqu l-ammont ta' madwar €1000, f'gojelli u senter tad-ditta Zabala bin-numru serjali 325295 li jiswa madwar €250. Illi fil-kors ta'l-investigazzjonijiet ittiehdu xi ritratti mill-ufficjali tax-xena tar-reat, kif ukoll gew elevati xi impronti digitali

minn fuq kaxxa tal-landa fejn Sammut ighid illi kellu mizmuma l-oggetti tad-deheb li insterqulu.[1]

Illi fil-kors ta’l-investigazzjonijiet maghmula ill-pulizija kien hemm indikazzjoni illi dawn l-impronti digitali setghu jappartjenu lill-imputat. Kwindi huwa gie arrestat u interrogat mill-pulizija. Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jinnega l-involviment tieghu fil-kummissjoni ta’ dana ir-reat. Ighid illi lil Nazzareno Sammut huwa ilu jafu minn mindu kien ghadu tifel u gieli mar ghandu id-dar sabiex jixtri xi armi tan-nar minn ghandu. Jallega illi dan Sammut ma kienx ikun akkwista dawn l-armi bis-sewwa. Ighid illi fl-okkazzjonijiet li huwa mar ghand dan Sammut kien jidhol mill-garaxx u kien joqghod fl-ewwel kamra. Jinnega illi huwa qatt fetah xi kxaxen meta kien ikun ghandu u ighid illi qatt ma mess xejn. L-imputat ma jixhidx f’dawn il-proceduri.

Illi Nazzareno Sammut jichad illi huwa qatt ippermetta lill-imputat jidhol ghandu id-dar. Anzi huwa ighid illi l-imputat, ghalkemm gieli sema bih, madanakollu ma jafux. Jichad ukoll illi huwa qatt xellef difrejgh mal-gustizzja u jichad dak allegat minnu mill-imputat ghar-rigward ta’l-akkwist ta’l-armi tan-nar.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami akkurat ta’l-atti processwali jirrizulta illi l-unika prova li torbot lill-imputat ma’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu huwa impronti digitali wiehed li instab fuq il-lifter bin-numru 08 BBU 302 u cioe’ il-qiegh ta’ kaxxa tal-hadid fejn kien mizmum id-deheb misruq.

Illi fil-kors tal-kawza gie innominat espert tal-impronti digitali Joseph Mallia li ghamel ezami ta’ komparazzjoni bejn l-impronti digitali u palmari ta’l-imputat u il-lifters elevati minn fuq ix-xena tar-reat, precisament minn fuq dina l-kaxxa tal-landa. Illi dina l-kaxxa tal-landa instabet fil-kamra tas-sodda ta’ fuq. Fir-rapport tieghu l-espert jikkonkludi illi l-ewwel impronta digitali li tidher minn naha

[1] Ara rapporti esebieti Dokument BC a fol.67 u Dokument MC a fol.73.

tax-xellug tal-lifter dokument 08 BBU 302, taqbel u ghalhekk hija idéntika mal-marka tas-saba tan-nofs ta'l-id ix-xellugija tal-imputat u dana b'***14 points of comparison***[2].

Illi fil-kawza Il-Pulizija vs Vincent Calleja (deciza 7 ta' Marzu 2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali) jinghad:

***"Il-ligi taghna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"point of comparison."***

**Imbaghad,** ***"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."***(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)

Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex

[2] Ara rapport ta' Joseph Mallia a fol. 108 et. Seq.

inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta'l-imputat.

Illi il-post fejn instab dana l-impronti digitali ta'l-imputat kien proprju fuq post minn fejn ittiehdet parti mir-*res furtiva*. Dina il-kaxxa kienet mizmuma f'kexxun fil-kamra tas-sodda ta' fuq fir-residenza tad-derubat. Illi ghalkemm l-imputat ighid illi huwa gieli mar ghand Sammut, u anke iressaq xhud sabiex jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti illi dan hu minnu, madanakollu jekk ghal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha temmnu, huwa isostni illi kien jidhol mill-garaxx u jibqa' fl-ewwel kamra. Kwindi huwa qatt ma kellu access ghall-ambjenti ta' fuq u qatt ma mess il-kaxxa li fuqha instabet dina l-impronti digitali tieghu. Huwa stess ighid, meta mistoqsi mill-ispettur Cassar, illi meta kien imur ghand Sammut huwa qatt ma fetah kxaxen u qatt ma mess xejn. Ghaldaqstant ma hemm l-ebda spjegazzjoni ohra kif setghet dik l-impronti digitali tieghu tispicca fuq dik il-landa wara li sehhet is-serqa jekk mhux ghaliex kien proprju hu li qabad f'idejh dik il-kaxxa tal-landa biex jiehu minnha l-affarijiet li kien hemm go fiha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubbju illi kien l-imputat illi dahal fir-residenza ta' Sammut, li del resto jidher illi kellu hafna informazzjoni dwaru, u ikkometta is-serqa fl-10 ta' Mejju 2008. Billi it-tieni akkuza dwar ir-ricettazzjoni inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat huwa recidiv. Fil-fatt il-Prosekuzzjoni esebiet diversi sentenzi kollha ikkonfermati mill-Ufficjali Prosekuturi u Investigattivi ta'l-istess, fejn l-imputat gie misjub hati f'iktar minn okkazzjoni wahda ta' diversi reati mill-qrati taghna. Fil-fatt il-fedina penali tieghu titkellem wahedha.[3]

[3] Ara sentenzi Dokumenti RC2 sa RC5 a fols.50 sa 64, fedina penali fols. 3 sa 35 u ix-xhieda ta' Suprtendent Simon Galea fol. 86, Assistent Kummissarju Neil Harrison fol.92 u Spettur Mario Tonna a fol.103.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 267, 269(g), 270, 278(1)(2), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza, issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' disa' xhur prigunerija.

Inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €456.47 u dana in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hati ihallas lil Nazzareno Sammut is-somma ta' €1250 u dana fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------